MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2014

Numru. 957/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Bond**

**vs**

**Malcolm Vassallo**
**Mark Anthony Vassallo**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati Malcolm Vassallo bin Raymond u Maria Theresa nee' Micallef, imwieled tal-Pieta' fil-31/07/1986 u residenti 'Salina Park' Flat 1, Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' numru 343386(M) u l-imputat Mark Anthony Vassallo, bin Raymond u Maria Theresa nee' Micallef imwieled tal-Pieta' fl-01/10/1992 u residenti 'Salina Park', Flat 1, Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' numru 472292(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

Nhar it-30 ta’ Awwissu 2010 ghall-habta ta’ bejn it-8.00am u d-9.00am waqt li kienu fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar attakaw lil Francis Buttigieg u lil Louis Debattista u wara lil tawhom diversi daqqiet fuq il-persuna taghhom, ikkagunaw offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna tal-imsemmi Francis Buttigieg u dan skond ma kif iccertifikaw it-tabib Dr. Justine Camilleri MD (Reg. No. 5223) u t-tabib Dr. J.Camilleri MD tal-isptar Mater Dei ; u offizi ta’ natura hafifa salv komplikazzjonijiet fuq il-persuna tal-imsemmi Louis Debattista u dan skond ma kif iccertifikaw it-tabib Dr. Grushenko Anna (Reg No. 5301) u t-tabib Dr. Bjorn Buhagiar MD tal-isptar Mater Dei.

Fl-istess data, hin u lok waqt li kienu sejrin jikkommettu l-imsemmija delitti, ghamlu uzu minn arma regolari (virga tal-metal) u dana sabiex bl-istess arma regolari sawtu u taw daqqiet fuq il-persuna tal-istess zewg persuni, u talli zammew u garrew fuq il-persuna taghhom l-istess arma regolari minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Fl-istess data, hin u lok qalu kliem ta’ theddid kif ukoll kliem ta’ nsulti lejn l-imsemmija Francis Buttigieg u Louis Debattista u talli kisru l-paci pubblika bl-ghajjat, glied jew b’ kull mod iehor.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-30 ta’ Mejju 2012 (inserita a fol. 127 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-Ligi :-

(a) fl-artikoli 214, 215, 216, 217, 218 u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(b) fl-artikoli 3(a), 4, 5(1), 41 u 51(8) u l-iskeda III tat-Taqsima II tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(c) fl-artikoli 18 u 64(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(d) fl-artikolu 338(dd), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(e) fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

(f) fl-artikolu 17, 23, 30, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tad-29 ta' Novembru 2012, l-imputati ddikjaraw li huma m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mid-Difiza ;

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw glieda li sehhet fit-30 ta' Awwissu 2010 bejn it-8.00am u d-9.00am fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar bejn iz-zewg imputati, u cioe' Malcolm u Mark Vassallo u Francis Buttigieg u Louis Debattista fejn Francis Buttigieg sofra griehi ta' natura gravi filwaqt li Louis Debattista u z-zewg imputati kellhom griehi ta' natura hafifa. Buttigieg u Debattista allegaw li l-imputati attakkawhom b'virga tal-hadid. Mic-certifikat mediku nserit a fol. 24 tal-atti processwali u mix-xhieda ta' Dr. Justyne Caruana[1] jirrizulta li Francis Buttigieg kellu s-segwenti griehi:-

*"Nasal bone fracture.*
*Pneumothorax and small left pleural effusion.*
*Fractures of 4$^{th}$, 5$^{th}$, 7$^{th}$ and 8$^{th}$ left ribs".*

Francis Buttigieg[2] u Louis Debattista[3] allegaw li huma kienu qed jaghmlu xi xoghol b' bowser fi sqaq fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar meta raw vettura Maruti bajda diehla bis-sahha fit-triq fejn din ghaddiet bi sbrixx minn ma' Debattista u dan tal-ahhar qal lis-sewwieq 'easy easy' sabiex inaqqas il-velocita' fl-isqaq u s-sewwieq, li Francis Buttigieg indika li kien Mark Anthony Vassallo, zamm il-brejk, kaxkar it-tyre u waqaf fid-dahla tal-garaxx tieghu li kien fl-isqaq u beda' joffendihom bi kliem oxxenn.

[1] Li xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-3 ta' Novembru 2010.
[2] Li xehed f'dan il-proceduri waqt l-udjenza tat-3 ta' Novembru 2010.
[3] Li xehed f'dan il-proceduri waqt l-udjenza tat-3 ta' Novembru 2010

Buttigieg jghid li huwa qal lil Debattista sabiex ma jkellimhomx u li sema' lill-imputat l-iehor Malcolm Vassallo jghid lill-iehor 'imxi mmorru ghalihom' u mbaghad Malcolm Vassallo mar u qabad lil Louis Debattista minn ghonqu. Buttigieg ukoll jghid li huwa dar u qabad il-mobile sabiex icempel lil Pulizija u dak il-hin mar fuqu Malcolm Vassallo u tah daqqa ta' ponn f' wiccu u tajjarlu l-mobile, tefghu mal-art u mar fuqu. L-istess xhud jghid li huwa prova jzommu sabiex ma jaghtihx u ra lill-imputat l-iehor jaqla' lembuba tal-istopper u jaghti biha lil Louis Debattista u jitfghu mal-art. Buttigieg isostni li Malcolm Vassallo tah daqqa ta' sieq fil-kustilji u tlett daqqiet ta' ponn f'wiccu fejn kissirlu mniehru u jispjega li huwa ma setghax iqum minn mal-art u jiehu nifs ghaliex il-kustilja dahlitlu fil-pulmun u spjega li meta l-imputati dahlu fil-garaxx taghhom Louis Debattista mar icempel lil Pulizija u mbaghad giet ambulanza fejn huwa ttiehed l-Isptar  fejn dam rikoverat tmint ijiem. Huwa qal li f'Novembru 2010 kien waqaf jattendi l-outpatient minhabba l-griehi kagunati fil-glieda in dizamina. In konro-ezami Buttiegieg sostna li huma la offendew u l-anqas hebbew ghall-imputati. Louis Debbattista ta l-istess verzjoni tal-fatti moghtija minn Francis Buttigieg u spjega li huwa ra lil Malcolm Vassallo johrog xi haga minn taht it-tshirt u beda' jaghtih biha. Dan ix-xhud spjega li iz-zewg imputati bdew isawtuhom, izda specifika li kien Malcolm Vassallo li ta d-daqqiet ta' sieq lil Francis Buttigieg. Huwa inoltre spjega li huwa sofra griehi ta' natura hafifa bhala konsegwenza tal-glieda.

Iz-zewg imputati ghazlu li jixhdu f'dawn il-proceduri fejn Malcolm Vassallo xehed waqt l-djdenza tat-12 ta' April 2013 u l-imputat Mark Anthony Vassallo xehed waqt l-udjenza tat-28 ta' Gunju 2013 fejn huma taw l-istess verzjoni tal-fatti bhal meta rrilaxxjaw l-istqarrijiet inseriti a fol. 16 sa 19 tal-atti processwali. Mark Anthony Vassallo qal li huwa kien passiggier fil-vettura misjuqa minn huh Malcolm u huma kienu qed jirritornaw lura d-dar mix-xoghol fejn huh dahal ftit bis-sahha fl-isqaq fejn kien jinsab il-garaxx taghhom fejn kien hemm ragel qed jahsel it-triq bl-ilma ta' bowser u huh zamm il-brejkijiet u r-ragel li kien hemm fit-triq haseb li Malcolm Vasallo kien ser itajru u huwa ghalhekk beda joffendih u Malcolm Vassallo

ghalhekk hareg mill-vettura sabiex jiehu r-ragun tieghu u t-tnejn bdew jaghtu. Mark Vassallo qal li huwa ghalhekk hareg mill-karozza sabiex jikkalmahom u dak il-hin kien hemm ragel iehor li qallu sabiex ma jindahalx u mbaghad qabez fuqu, waqqghu mal-art, baqa' fuqu u qallu li ken ser joqtlu. Mark Vasallo jghid li huwa ghalhekk beda' jaghti daqqiet b'idu u b'siequ lil dan ir-ragel. Huwa jghid ukoll li ra lil huh u lir-ragel l-iehor li kellu pipe f'idejh jiggieldu u jfajru d-daqqiet lil xulxin u spjega li huma mbaghad marru lejn il-garaxx taghhom u r-ragel li kien attakkah qallu li kien ser icempel il-Pulizija u wara xi siegha gew il-Pulizija fuq il-post. Malcolm Vassallo jghid li fil-gurnata  u hin in dizamina huwa kien diehel fit-riq fejn kellu l-garaxx u malli dar ra ragel qed jaghmel xi xoghol fl-istess triq u peress li huwa kien daqxejn mghaggel tajjar xi ilma li kien hemm f'ghadira fit-triq fuq dan ir-ragel u l-istess ragel offendih u huwa mbaghad offendih lura. Malcolm Vassallo jghid li dan ir-ragel kompla joffendih u mar ghalih sabiex jiehu r-ragun u huwa ghalhekk nizel mill-vettura tieghu u malli nizel ra ragel iehor hiereg minn blokk appartamenti u dawn it-tnejn marru fuqu u pruvaw jaghtuh izda ma rnexxxilhomx. Malcolm Vassallo jghid li huwa ddefenda lilu nnifsu u beda' jaghti lura d-daqqiet u meta nizel huh mill-vettura sabiex iwaqqafhom iz-zewgt irgiel waqqawh mal-art.  Huwa jsostni li r-ragel li wegga' sabu fuq huh u mar jaqilghu mnn fuqu u mbaghad il-glieda waqfet hemm. Malcolm Vassallo ssotna wkoll li ma kienx ta daqqiet ta' sieq u li la hu u l-anqas huh ma kellhom xi hadida f'idejhom.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet f'dan il-kaz jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonjiet tal-fatti kemmxejn kunfliggenti fejn min-naha l-wahda Debattista u Buttigieg isostnu li huma kull ma ghamlu kien li qalu lil Malcolm Vassallo sabiex inaqqas il-velocita' u li dan u huh hargu ghalihom bil-vettura u bdew isawtuhom u joffenduhom u fejn minn-naha l-ohra l-ahwa Vassallo jsostnu li kienu Buttigieg u Debattista li provokaw il-glieda u li huma kull ma ghamlu kien li ddefendew lilhom infushom. Huwa

principju ben assodat fil-gurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberatorja u fil-kaz odjern din il-Qorti wara li semghat liz-zewg 'fazjonijiet' jixhdu quddiemha jidrilha li l-fatti graw in linja massima kif indikat minn Buttigieg u Debattista. Ghalkemm il-Qorti ssibha difficli temmen li Debattista kull ma qal lil Malcolm Vassallo meta dan tajjarlu l-ilma fuqu kienu l-kliem 'easy easy' u hija aktar propensa li temmen li fil-fatt dan beda' joffendih u jkellmu hazin (kif jghid Malcolm Vassallo) izda jidrilha wkoll li kien Malcolm Vassallo li nizel mill-vettura tieghu sabiex jiehu s-sodisfazzjon u attakka lil Buttigieg u lil Debattista u mbaghad nizel huh mill-vettura li wkoll ippartecipa fil-glieda. Il-Qorti jidrilha li l-mputat Malcolm Vassallo ma kellu l-ebda raguni sabiex jinzel mill-vettura tieghu jekk mhux ghaliex ried jiggieled u jiehu r-ragun kif fil-fatt indikaw li sar Buttigieg u Debattista. Il-Qorti inoltre jidrilha li l-linja difensjonali ta' legittima difesa ma tistghax treggi ghaliex kienu l-ahwa Vassallo li attakkaw lil Debattista u Buttigieg u mhux vice versa u l-anqas ma tista' treggi d-difiza ta' provokazzjoni kontemplata fl-artiklu 230(c) tal-Kodici Kriminali ghaliex ghalkemm il-Qorti temmen li seta' kien hemm provokazzjoni verbali min-naha ta' Debattista fejn dan offenda u kellem hazin lil Malcolm Vassallo meta safa' mxarrab bl-ilma li kien hemm fit-triq, mill-provi ma jirrizultax li kien hemm il-provokazzjoni ndikata fl-Artikolu 230(c) tal-Kodici Kriminali.

Kif diga' ntqal aktar 'il fuq mill-provi rrizulta li Francis Buttigieg sofra griehi ta' natura gravi konsistenti fi ksur f'imniehru u ksur fil-kustilji filwaqt li Debattista sofra griehi ta' natura hafifa. Mix-xhieda moghtija mill-istess Buttigieg kif ukoll mit-tobba li ezaminawh ma jirrizultax li l-griehi sofferti minnu kelhom il-konsegwenzi ndikati fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Mill-provi jirrizulta minghajr dubju li kien l-imputat Malcolm Vassallo li ta d-daqqiet ta' sieq fil-kustilji lil Buttigieg u li kien hu li kkaguna l-griehi ta' natura gravi sofferti minn dan tal-ahhar. Kemm Buttigieg kif ukoll Debattista fl-ebda hin ma qalu li l-imputat Mark Anthony Vassallo ta xi daqqiet ta' sieq. Huwa ghalhekk l-imputat Malcolm Vassallo biss li ser jinstab hati li kkaguna griehi ta' natura gravi lil Francis Buttigieg u l-imputat Mark

Anthony Vassallo ser jinstab hati biss li kkaguna griehi ta' natura hafifa lil Debattista.

Iz-zewg imputati jinsabu wkoll akkuzati li waqt li kkommettew id-delitti li saret referenza ghalihom aktar 'il fuq huma kellhom fil-pussess taghhom arma regolari konsistenti f'virga tal-metall u li huma zammew tali arma minghajr id-debita licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Din il-Qorti jidrilha li tali mputazzjoni ma tirrizultax pruvata sal-grad rikjest mill-ligi stante li a tempo vergine Debattista u Buttigieg indikaw lill-Pulizija li l-imputati kellhom pipe tal-metall izda meta xehdu f'dawn il-proceduri huma mbaghad ndikaw li l-imputat Malcolm Vassallo kellu lembuba bl-istopper u li huwa beda' jsawwathom biha. Buttiigieg jghid li Vassallo qalaghha u beda' jaghtih biha filwaqt li Debattista jghid li Vassallo harigha minn taht it-Tshirt. Mill-provi inoltre jirrizulta li fuq il-post kien hemm diversi pajpijiet u ghodda ohra li kienu qed jintuzaw proprju minn Buttigieg u Debattista fix-xoghol taghhom u l-Qorti m'hijiex moralment konvinta li fil-fatt l-ahwa Vassallo kellhom fil-pussess taghhom arma regolari li huma uzaw sabiex jattakkaw biha lil Buttigieg u Debattista.

Il-Qorti jidrilha li t-tielet imputazzjoni fejn l-imputati jinsabu akkuzati li kisru l-paci pubblika b'ghajjat u glied u li offendew u nsultaw lil Debattista u Buttigieg ukoll tirrizulta ampjament pruvata u z-zewg imputati ser jinsabu hatja taghha.

Ghall-finijiet ta' piena in kwantu jirrigwarda l-imputat Malcolm Vassallo l-Qorti kkunsidrat il-fatt li huwa ghandu fedina penali relattivament netta u li huwa rreagixxa ghal xi kliem offensiv indirizzat fil-konfronti tieghu minn Debattista u ma jidrilhiex li ghandha timponi piena karcerarja effettiva izda ser tapplika l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali fil-konfronti tieghu. In kwantu jirrigwarda l-imputat Mark Anthony Vassallo l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li huwa ghandu fedina penali nadifa, l-eta' zghira tieghu kif ukoll il-fatt li l-involviment tieghu fil-glieda kien inferjuri ghal dak ta' huh u fic-cirkostanzi jidrilha li jkun opportun li tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 fil-konfronti tieghu. Irid jigi rilevat li

l-piena ma tistghax tizdied bi grad minhabba l-eta tal-vittmi ghaliex l-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju erronjament indika l-Artikolu 222(1)(a) minflok l-Artikolu 222A(1) tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tat-30 ta’ Mejju 2012 u senjatament l-Artikoli 214, 215, 216, 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Malcolm Vassallo hati tal-ewwel(1) u tat-tielet(3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tnax(12)- il xahar prigunerjia li b’appplikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ sentejn(2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Malcolm Vassallo mhux hati tat-tieni(2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnha.

Wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tat-30 ta’ Mejju 2012 u senjatament l-Artikoli 214, 215, 221, 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Mark Anthony Vassallo hati tal-ewwel(1) u tat-tielet(3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu, izda in kwantu jirrigwarda l-ewwel(1) imputazzjoni huwa qed jinstab hati limitatament talli kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Louis Debattista kif spjegat aktar ‘il fuq, u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Mark Anthony Vassallo mhux hati tat-tieni(2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------